MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 355/2002/1

**Raymond Gatt fil-kwalita' tieghu ta' stralcarju tas-socjeta' Continental Postform Limited**

**vs**

**Zammit Furniture & Joiners Limited kif ukoll l-istess Joseph Zammit u b'digriet datat id-29 ta' Ottubru, tas-sena 2003 gie kjamat in kawza Saviour Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Mejju, tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx:

1. Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu

(LM1626.30,0) rapprezentanti prezz ta’ materjal mibjugha u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta minghand is-socjeta’ Cotinental Postform Limited;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawn tal-ittra ufficjali datata 25 ta’ Jannar, tas-sena 2000 u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-6 ta’ Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi huma ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta’ Continental Postform Limited;

2. Illi wara li l-eccepjent Joseph Zammit kien gie nterpellat ghall-istess hlas b’ittra ufficjali datata 25 ta’ Jannar tas-sena 2001, huwa kien irrespinga l-pretensjoni tas-socjeta’ attrici pero bla pregudizzju kien talab kopji ta l-invoices originali u statement tal-hlasijiet biex jirregola ruhu, (dokument A), pero baqa’ ma rcieva xejn. Jigi precizat li l-eccepjent ilu zmien li refa’ mix-xoghol u n-negozju gestit fl-indirizz 7/8 Church Wharf, Marsa, jappartjeni lil ibnu Saviour u s-socjeta’ tieghu Zammit Furniture & Joiners Limited;

3. Illi l-eccepjenti Zammit Furniture & Joiners Limited mhijiex legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri, u f’kull kaz la ghandha taghti u anqas qatt ma giet interpellata ghal dan il-hlas;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-rikors tal-attur nomine datat id-29 ta’ Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu talab il-kjamata in kawza ta’ Saviour Zammit;

Rat id-digriet tghha datat it-2 ta’ Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu ordnat in-notifika tal-imsemmi rikors;

Rat il-verbal taghha datat id-29 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz teighu ordnat il-kjamata in kawza ta' Saviour Zammit;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-imsemmi kjamat in kawza datata id-19 ta' Jannar, tas-sena 2004 li permezz taghha ecepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu personalment huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi bejn is-socjeta' attrici , illum fi stat ta' likwidazzjoni u dik konvenuta kien jezisti rapport industrijali bejniethom fejn hu allegat li tal-ahhar kienet tixtri l-materjal minn dik tal-ewwel a bazi ta' kreditu (ara fol 16);

2. Illi ghalkemm ir-relazzjoni bejn dawn iz-zewg intraprizi kienu regolari u tajbin, hu allegat li ghad baqa' bilanc sostanzjali (ara fol 16);

3. Illi s-socjeta' kreditrici kienet baghtet diversi ittri lis-socjeta' debitrici f'dan is-sens;

4. Illi r-relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn is-socjetajiet indikati aktar qabel (ara fol 19);

5. Illi l-bilanc li ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta hu dak indikat fl-avviz, (ara fol 19);

Ikkunsidrat ;

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li dawn la jindirizzaw lis-socjeta’ konvenuta, la lill-konvenut u lanqas lill-kjamat in kawza;

Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-atturi naqsu li jipprovaw l-allegazzjoni taghhom sal-grad rikjest mil-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamat in kawza, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------